

Brussell, 4 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

12856/18

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0108(COD)**

JAI 971
COPEN 336
CYBER 223
DROIPEN 149
JAIEX 128
ENFOPOL 491
DAPIX 303
EJUSTICE 131
MI 690
TELECOM 324
DATAPROTECT 207
CODEC 1606

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	12115/18
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ordnijiet ta' produzzjoni u ta' preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika f'materji kriminali - Dibattitu ta' orjentazzjoni

1. F'Ġunju 2016, il-Kunsill appella għal approċċ komuni tal-UE għat-titjib tal-ġustizzja kriminali fiċ-ċiberspazju. B'mod partikolari, appella għal miżuri li jissimplifikaw il-kooperazzjoni ma' fornituri ta' servizz ibbażati barra mill-UE kif ukoll jagħtu għodod lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji biex jiksbu l-evidenza elettronika fil-pront. Wara proċess espert estensiv u konsultazzjonijiet mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, il-Kummissjoni, f'April 2018, ressqet proposta għal Regolament dwar l-ordnijiet ta' produzzjoni u ta' preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika fi proċeduri kriminali ("il-proposta")¹.

¹ dok. 8110/18.

Il-proposta għandha l-għan li tintroduċi mekkaniżmu alternattiv għall-għodod eżistenti ta' kooperazzjoni internazzjonali u assistenza legali reċiproka. Speċifikament, tindirizza l-problemi li jirriżultaw min-natura volatili tal-evidenza elettronika u mill-aspett tat-"telf ta' lokalizzazzjoni" billi tistabbilixxi proċeduri ġodda għal aċċess transfruntier ta' malajr, effiċjenti u effikaċi.

2. Il-proposta tibni fuq il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku kif stabbilit fl-Artikolu 82(1) TFUE, u tkompli tiżviluppah, filwaqt li tiżgura ċertezza legali għall-awtoritajiet, il-fornituri ta' servizz u l-persuni milquta. Tagħti l-possibbiltà li, soġġett għal ċerti regoli, awtorità ġudizzjarja fl-istat emittenti tista' tindirizza ordni direttament lill-fornitur ta' servizz jew lir-rappreżentant legali tiegħu fi Stat Membru ieħor. L-awtorità ġudizzjarja fl-Istat Membru fejn jinsab il-fornitur ta' servizz jew ir-rappreżentant tiegħu ma għandhiex għalfejn tkun involuta f'dan l-istadju. Dik l-awtorità tintervjeni biss sabiex tirrikonoxxi u tinforza l-ordni fil-każ li l-fornitur ta' servizz ma jikkonformax magħha.
3. Minħabba l-ħtiġijiet operazzjonali u l-aspetti tekniċi speċifiċi marbuta mal-aċċess għall-evidenza elettronika, ħafna Stati Membri laqgħu l-iżvilupp propost, u b'hekk issottolinjaw il-ħtieġa għal soluzzjoni Prattika effiċjenti u fil-pront imsejsa fuq il-fiduċja reċiproka.
4. Delegazzjonijiet oħra esprimew tħassib varju u ssuġġerew l-introduzzjoni ta' obbligu li tingħata l-opportunità għal Stat Membru ieħor biex ikun involut fil-proċedura permezz ta' notifika lill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' dak l-Istat Membru li jippermetti li ssir valutazzjoni tal-legalità tal-ordni u ta' kwalunkwe ostaklu għall-eżekuzzjoni tagħha. Wara l-eżitu ta' dik il-valutazzjoni l-awtoritajiet ġudizzjarji jkollhom il-possibbiltà li joġġezzjonaw għall-eżekuzzjoni tal-ordni.

5. Żewġ soluzzjonijiet differenti għal tali proċedura ta' notifika ġew diskussi b'mod estensiv fost l-esperti:
- notifika lill-Istat Membru tal-fornitur ta' servizz jew lir-rappreżentant legali tiegħu, jew
 - notifika lill-Istat Membru tal-persuna li ntabbet id-data tagħha.
6. Id-dibattiti wrew appoġġ, iżda wkoll dubji kemm rigward is-soluzzjoni mniżżla fl-abbozz ta' Regolament kif ukoll il-proposti differenti għal notifika.

Billi din il-kwistjoni tinfed il-proposta fl-essenza tagħha, jeħtieġ li tiġi oċarata biex ikun hemm progress bla xkiel tan-negozjati. Għaldaqstant, il-Presidenza tixtieq tisma' mingħand il-Ministri:

- jekk jikkonfermawx l-approċċ stipulat fl-abbozz ta' Regolament; jew
- jekk jixtiq li jibdlu dak l-approċċ bl-introduzzjoni ta' sistema ta' notifika.

Fit-tieni każ, liema stat għandu jkun notifikat (l-Istat Membru tal-infurzar jew l-Istat Membru tal-persuna milquta).

Minħabba l-progress li sar s'issa u bil-ħsieb li tkun żgurata konklużjoni tan-negozjati fil-ħin sa Diċembru, il-Presidenza tistieden lill-Ministri biex bħala kompromess iqisu soluzzjoni fejn in-notifika tingħata *għall-informazzjoni* tal-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-infurzar jew l-Istat Membru tal-persuna milquta. Abbażi ta' dan l-awtorità notifikata tista' tidħol f'konsultazzjoni mal-Istat Membru emittenti mingħajr ma jkollha d-dritt li toġġezzjona għall-eżekuzzjoni tal-ordni.